MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANNA FELICE

Seduta tad-29 ta' April, 2014

Citazzjoni Numru. 73/2013

**Mary Buttigieg**

**vs**

**Chris Grech ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjetà kummercjali Franmar Limited (C12285)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta’ Mary Buttigieg li permezz tieghu, wara li ppremettiet illi:

Permezz ta' sentenza fl-ismijiet '***Chris Grech ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjetà kummercjali Franmar Limited (C12285) vs John Buttigieg u b'digriet tal-11 ta' Gunju 2008 Mary Buttigieg assumiet l-atti tal-kawza stante l-mewt tal-konvenut zewgha fil-mori tal-kawza'*** **Cit. Nru 1206/2007 RCP**, deciza fit-30 ta' Ottubru 2012, dina l-Onorabbli Qorti iddecidiet billi laqghet l-ewwel tlett talbiet ta' Chris Grech ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjetà kummercjali Franmar Limited (C12285).

Tali tlett talbiet kienu fis-sens li gew stabbiliti l-konfini bejn il-propjetajiet rispettivi tal-kontendenti, iddikjarat li l-esponenti qed tokkupa l-art mertu tal-kawza odjerna illegalment, u ordnat lil esponenti sabiex taht id-direzzjoni tal-Perit Tekniku Mario Cassar, f'terminu qasir u perentorju ta' sittin (60) il-gurnata, tregga' kollox ghall-istatus quo ante.

Fl-umli opinjoni tal-esponenti hemm lok ta' ritrattazzjoni minn l-imsemmija sentenza, u dan kif ser jigi ppruvat waqt il-mori ta' dawn il-proceduri;

Effettivament fil-kunsiderazzjonijiet taghha l-Ewwel Onorabbli Qorti, ma tatx importanza ghal fatt li r-rikors promotur ma huwiex car, u konsegwentement wiehed ma jistax jifhem x'tip ta' azzjoni qed tinqeda biha s-socjetà intimata kontra l-esponenti. Da il-gatt gie skartat mill-Ewwel Onorabbli Qorti, u jidher li hemm mixxela ta' azzjonijiet possessorji u petitorji.

Minhabba dan il-fatt, l-esponenti tikkontendi bir-rispett li jezistu ragunijiet kontemplati fl-Artikolu 811(e) tal-Kapitolu 12

tal-Ligijiet ta’ Malta, li ghandhom iwasslu sabiex it-talba ta’ l-esponenti ghar-ritrattazzjoni tirnexxi u ghalhekk qieghda tigi ntavolata din il-kawza kontra l-intimat.

Talbet lil din il-Qorti:

i) Thassar u tirrevoka s-sentenza moghtija mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta’ Ottubru 2012 fl-ismijiet ***‘Chris Grech ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjetà kummercjali Franmar Limited (C12285) vs John Buttigieg u b’digriet tal-11 ta’ Gunju 2008 Mary Buttigieg assumiet l-atti tal-kawza stante l-mewt tal-konvenut zewgha fil-mori tal-kawza’*** **Cit. Nru 1206/2007 RCP**, u dan tenut kont ta’ l-Artikolu 811(e) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

ii) Tordna r-ritratazzjoni tal-kawza fl-ismijiet ***‘Chris Grech ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjetà kummercjali Franmar Limited (C12285) vs John Buttigieg u b’digriet tal-11 ta’ Gunju 2008 Mary Buttigieg assumiet l-atti tal-kawza stante l-mewt tal-konvenut zewgha fil-mori tal-kawza’*** **Cit. Nru 1206/2007 RCP**, li giet deciza fit-30 ta’ Ottubru 2012.

Bl-ispejjez kontra l-intimat ingunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta ta’ Chris Grech ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjetà kummercjali Franmar Limited li in forza taghha eccepixxa illi:

Preliminarjament, r-rikors tar-ritrattand (l-intimata fil-proceduri fl-ismijiet Chris Grech Noe vs John Buttigieg Et (Cit. Nru 1206/2007 RCP) ghandu jigi michud fl-intier tieghu u bl-

ispejjez, ghar-raguni li m'huwiex konformi ma dak li hu rikjest mill-Artikolu 816 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, liema artikolu jispecifika x'ghandu jkun rikors ghal ritrattazzjoni fil-kliem li huma migjuba fl-artikolu 811, d-dispozizzjonijiet ta' dak l-artikolu li jghoddu ghal dawk ir-ragunijiet, il-fatti li minnhom tirrizulta kull wahda minn dawk ir-ragunijiet, u meta r-raguni hija l-applikazzjoni hazina tal-ligi, l-attur ghandu jsemmi l-ligi li kien imissha giet applikata.

Ir-ritrattand fir-rikors guramentat taghha tghid biss illi r-rikors promotur tal-esponenti fl-atti tal-kawza fl-ismijiet Chris Grech Noe vs John Buttigieg Et (Cit. Nru 1206/2007 RCP) m'huwiex car, li konsegwentement wiehed ma jistax jifhem x'tip ta' azzjoni kienet qed tinqeda biha l-esponenti, u li dan il-fatt gie skartat mill-ewwel Qorti. Dawn l-allegazzjonijiet ma jikkostitwixxu l-ebda raguni ghal ritrattazzjoni li b'xi mod tinkwadra taht xi wahda mill-paragrafi tal-artikolu 811. Ir-ritrattand imbaghad issemmi b'mod specifiku s-subartikolu (e) tal-artikolu 811, u b'hekk wiehed jista' forsi jassumi illi t-talba tar-ritrattand ghar-ritrattazzjoni hija bbazata fuq xi applikazzjoni hazina tal-ligi mis-sentenza. Fi kwalunke kaz ir-ritrattand ma taghmel l-ebda referenza ghall-ligi li applikat din l-Onorabbli Qorti fis-sentenza in kwistjoni, u wisq anqas ma ssemmi l-ligi li kien missha giet applikata, kif inhu espressament rikjest mill-artikolu 816.

Ukoll preliminarjament, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tar-ritrattand ghandhom, jigu michuda bl-ispejjez stante illi ritrattazzjoni ma setghetx tintalab fil-kaz odjern, u dan fuq bazi tal-provvedimenti tal-artikolu 812 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, liema artikolu jirrikjedi li sabiex tkun tista' tintalab ritratazzjoni ta' sentenza ta' Qorti tal-ewwel grad, jehtieg li *"l-parti tkun giet taf bil-fatti illi minhabba fihom titlob*

*ir-ritrattazzjoni, <u>wara li jkun ghalaq iz-zmien tal-appell</u>"* [sottolinejar tal-esponenti]. Filwaqt li l-esponenti jaghraf illi l-fatt li ma sarx appell m'huwiex fih innifsu raguni ta' esklussjoni mir-ritrattazzjoni, jinghad fil-gurisprudenza dwar l-imsemmi artikolu 812, illi *"jekk il-parti li titlob ir-ritrattazzjoni kienet taf bil-fatti li jaghtu lok ghaliha meta hi, kienet ghadha tista umilment tinqeda bir-rimedju ordinarju ta' l-appell, hu sewwa li hi ma tkunx tista tigi ammessa li tezercita r-rimedju straordinarju tar-ritrattazzjoni."*[1] In vista ta' dan, it-talba ghar-ritrattazzjoni ma tistax tigi ammessa stante illi jekk ir-ritrattand kellha xi lment dwar l-interpretazzjoni tal-ligi minn din l-Onorabbli Qorti, setghet facilment tinqeda bir-rimedju ordinarju tal-appell.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost ma kien hemm l-ebda applikazzjoni hazina ta' ligi minn din l-Onorabbli Qorti, diversament presjeduta, fis-sentenza li qeghda tigi attakkata. L-azzjoni li kienet qeghda tressaq is-socjetà esponenti fil-kawza li taghha qeghda tintalab ritrattazzjoni, u ghalhekk anke l-ligi applikabbli f'dik il-kawza, setghu jigi determinati bl-aktar mod car mir-rikors promotur imressaq mill-esponenti, tant li din l-Onorabbli Qorti, diversament presjeduta, ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet fl-elaborazzjoni taghha dwar il-ligi applikabbli ghall-kawza in kwistjoni:

*"...l-azzjoni attrici maghrufa bhala actio fini regundorum hija intisa sabiex kull sid jgieghel lill-gar tieghu jaghmel is-sinjali li jidhru sabiex il-propjetà tieghu tigi distinta mill-ohra..."*

*"Illi f'dan il-kuntest kull argumentazzjoni li l-azzjoni attrici ma hijiex cara hi manifestament bla ebda bazi ghaliex ma hemmx*

[1] Attard Carmel vs Debono Mario Et, Qorti tal-Appell, 7 ta' Ottubru 2005 (Cit. Nru 157/2000/2).

*dubju li l-azzjoni attrici hija dik sabiex jigu stabbiliti l-konfini bejn il-propjetà attrici u dik kontigwa tal-konvenut u fil-fatt dan johrog car mir-rikors guramentat"*

F'dan il-kuntest irid jinghad ukoll illi galadarba l-Qorti ghamlet ezercizzju biex tiddetermina liema ligi tapplika ghall-kaz u ghaddiet biex tapplikaha, in-nuqqas ta' applikazzjoni ta' xi ligi ohra li xi parti fil-kawza thoss li messha giet applikata minflok, ma jgibx b'daqshekk li s-sentenza tkun applikat il-ligi hazin.[2]

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, r-ritrattand (intimata fil-kawza originali) qeghda tipprova tinqeda bil-procedura tar-ritrattazzjoni sabiex tinghata opportunità ohra tissolleva eccezzjonijiet ulterjuri li ma qajjmitx fir-risposta guramentata taghha, u li ppruvat diversi drabi, izda dejjem minghajr success, tqajjem b'mod klandestin u bi vjolazzjoni tal-ligi procedurali, fil-mori tal-procedimenti. Irid jinghad illi dawn it-tentattivi da parti tar-ritrattand gew identifikati u ttrattati minn din l-Onorabbli Qorti fis-sentenza taghha li qeghda tigi attakkata, u fil-fatt il-Qorti osservat li *"in-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenuti m'ghandha l-ebda konnessjoni mar-risposta guramentata tal-konvenuti, u kontinwament tqajjem punti li qatt ma tqajmu bhala eccezzjoni u dan ma huwiex konsentit gudizzjarjament u jikkostitwixxi abbuz tal-procedura gudizzjarja."* Ir-ritrattand qeghda issa tittenta tinqeda bil-procedura tar-ritrattazzjoni sabiex tqajjem dawn il-punti ulterjuri, meta huwa sewwa maghruf li t-tali procedura hija *"mizura eccezzjonalissima intiza principlament biex tigi evitata ingustizzja cara u palezi, minhabba fatturi li jkunu gew sfuggew l-ezami ta' l-ewwel istanza jew taz-zewg istanzi jew li jkunu issopravvenew, basta li f'ebda kaz dawn il-fatturi ma*

[2] Edrichton Holdings Limited vs Vella Emmanuel Et, Qorti tal-Appell, 7 ta' Lulju, 2007 (Cit Nru. 1201/1998/2).

*jkunux dovuti ghan-negligenza procedurali ta' min jitlob ir-ritrattazzjoni."*[3]

Ghar-ragunijiet kollha fuq premessi, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda fl-intier taghhom, bl-ispejjez kollha.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimat.

Rat li r-rikorrenti, ghalkemm moghtija l-fakultà li tirrispondi ghall-istess nota li giet debitament notifikata lid-difensur, baqghet ma ressqet ebda sottomissjonijiet dwar l-ewwel tlett eccezzjonijiet.

Rat l-atti kollha.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza fuq l-ewwel tlett eccezzjonijiet tal-intimat.

Doveruz li jigi enfasizzat f'dan l-istadju bikri illi:

*"r-ritrattazzjoni hija rimedju straordinarju mholli li jsir biss fil-kazijiet stabiliti fil-ligi liema cirkostanzi huma tassattivi u ghandhom jinghataw tifsira ristretta u bla tigbid jew analogija."* (Ara Abela – Cortis 20 ta' Novembru 2008).

[3] Edrichton Holdings Limited vs Vella Emmanuel Et, Qorti tal-Appell, 7 ta' Lulju 2007 (Cit Nru. 1201/1998/2).

F'dik is-sentenza l-Qorti kompliet tishaq:

*"ir-regola li huwa mixtieq u mehtieg li jkun hemm ic-certezza tad-dritt u fejn kawza tkun inqatghet b'sentenza li tkun ghaddiet f'gudikat din m'ghandhiex titwaqqa' kif gieb u lahaq, imma biss ghal ragunijiet serji u gravi. Dan kollu mbaghad jissejjes fuq il-massima li res judicata pro veritate habetur".*

Ikkunsidrat illi l-Art. 816 tal-Kap 12 jipprovdi illi:

*"Fir-rikors guramentat jew le, l-attur ghandu jsemmi wiehed wiehed il-kapi tas-sentenza li jkun irid jattakka, u r-ragunijiet ghar-ritrattazzjoni fil-kliem li huma migjuba fl-artikolu 811, u ghandu jsemmi d-disposizzjonijiet ta' dak l-artikolu li jghoddu ghal dawk ir-ragunijiet. Barra minn dan, l-attur ghandu jfisser, fil-qosor u bic-car, il-fatti li minnhom tirrizulta kull wahda minn dawk ir-ragunijiet; u meta r-raguni hija l-applikazzjoni hazina tal-ligi, l-attur ghandu jsemmi l-ligi li kien imissha giet applikata."*

Ir-rikors promotur li permezz tieghu qieghed tintalab ritrattazzjoni huwa vizibilment mankanti f'dan ir-rigward. Ghalkemm jiccita l-Art. 811 (e) ma jissodisfa bl-ebda mod il-vot tal-Art. 816. Minbarra li ma jfissirx il-fatti bic-car, galadarba qeghda tigi allegata applikazzjoni hazina tal-ligi, kellu jsemmi l-ligi li kien imissha giet applikata. F'dan ukoll jonqos.

Il-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Marzu 2001 fil-kawza Borg vs Muscat irriteniet illi:

*""L-artikolu 816 jimponi fuq ir-ritrattand li jkun qieghed jadduci raguni bazata fuq applikazzjoni hazina tal-ligi illi "ghandu jsemmi l-ligi li kien imissha giet applikata." Fl-ebda parti mill-aggravju tieghu bazat fuq dan is-sub inciz l-attur ma jissodisfa dan ir-rekwizit ta' ligi. Fuq hekk biss dan l-aggravju jisthoqqlu li jigi skartat.""*

Ghalhekk din l-eccezzjoni qeghda tigi milqugha. Fic-cirkostanzi, ghaldaqstant il-Qorti m'hijiex ser tghaddi biex tiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet l-ohra.

Ghadaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-intimat u tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju.

L-ispejjez ghandhom jithallsu minn Mary Buttigieg.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------